# WARD

*Lin-Nutar Calċedonju Gatt*
*li tani ħodon f'Mejju li għadda.*

Oh poëma tal-ġonna!
Oh ward! Oh nwar l-Imħabba!
Oh kliem safi li tfawwar minn ġo l-qalba
ta' l-Art ħanina,
nisel tajjeb
ta' ġmiel, ta' lewn, ta' ħajja;
turija ta' ħlewwa,
għajn ta' fwieħa,
nisġa ta' safa, ta' saħħa, ta' benna,
deh kif titfi quddiemek
il-għanja ħarxa li toħroġ minn fommna!
Kif tmut il-poeżija
tagħna magħsura minn ġe' qlub imnikkta
u bħal weraq niexef
imxerrda l-hawn u l-hinn fil-kotba morda!
Oh li kont naf is-sengħa
li taħdimlek il-versi,
li żżewwaqlek in-nisġa ta' l-istrofi,
o poëma tal-ġonna!

**Dun Karm.**

Ġunju 1932.

# IL-KTIEB TA' RUT

Kotba sbieħ hawn bil-bosta fid-dinja, u kull pajjiż u kull żmien għandu xi kittieba tiegħu li isimhom aktarx ma jintesa qatt.

Il-letteratura griega u l-letteratura rumana fihom poeżija u proża li jgħaxxquk; il-letteraturi ta' żmenijiet qrib lejna għandhom ukoll il-ġmiel, il-benna, il-lewn u s-saħħa tagħhom: xi pajjiżi orjentali nbagħad għandhom il-ward letterarju tagħhom ifuħ bħas-sagħtar u l-plejju, u ħelu bħal daħka tar-rebbiegħa.

Iżda l-ktieb ta' l-isbaħ poeżija u ta' l-oħla għidud tibqa' dejjem il-Bibbja, il-ktieb t'Alla, għaliex miktub taħt in-nebħ tiegħu minn idejn il-profeti, is-salmisti, l-appostli u l-Evanġelisti. Il-poeżija kbira, qawwija, għolja tal-profeta Isaïjah ma jlaħħaq magħha ħadd: il-għanja tas-salmi xi drabi taħraq bħal sejf tan-nar, xi drabi friska bħal nixxiegħa ta' ilma ġieri; daqqiet ħarxa bħal-leħen ta' taqliba, daqqiet ħelwa u safja bħal żiffa qalb il-ward, dik il-għanja ma għandha xejn x'jixbaħha fid-dinja; u t-tjieba, iż-żîna, u s-sempliċità tal-parabbli tal-Vanġeli u ta' xi rakkonti fit-Testment il-Qadim huma ħwejjeġ li jisierqulek ħsiebek u qalbek.

Wieħed minn dawn ir-rakkonti hu l-Ktieb ta' Rut, li aħna għall-ħlewwa u l-ġmiel tiegħu sejrin inġibu f'dan il-Għadd ta' "Il-Malti" kif inhu maqlub fi lsienna mill-Prof. Dun P.P. Saydon, raġel magħruf biż-żejjed fostna u fost ħafna Orjentalisti ta' barra bħala kittieb għaref fil-kotba ta' l-Iskrittura, f'xi ilsna orjentali u l-aktar fil-għerf tan-nisel, fis-sura u fil-ħajja tal-Lsien Malti.